31994R0895

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 895/94

tat-22 ta' April 1994

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3597/90 dwar ir-regoli ta' kontijiet għall-miżuri ta' intervent li jinvolvi x-xiri għall-ħażna, ħażna u bejgħ ta' prodotti agrikoli mill-aġenziji ta' intervent

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3492/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jipprovdi għall-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kontijiet annwali ta' l-iffinanzjar tal-miżuri ta' intervent fil-forma ta' ħażna pubblika mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Sezzjoni ta' Garanzija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3597/90 ([2]), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2136/93 ([3]), waqqaf regoli ta' kontijiet għall-miżuri ta' intervent li jinvolvu x-xiri għall-ħażna, ħażna u bejgħ ta' prodotti agrikoli mill-aġenziji ta' intervent;

Billi l-indent finali ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3597/90 jipprovdi għall-użu ta' rata ta' konverżjoni kull tliet xhur għall-valwazzjoni ta' ċerti kwantitajiet nieqsa; billi huwa meħtieġ li tiġi definita d-data tal-bidu ta' l-ewwel kwart li tiegħu għandu jittieħed kont f'kull sena finanzjarja;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-FAEGG,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-frażi li ġejja hija miżjuda ma' l-aħħar indent ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3597/90:

"B'effett mis-sena finanzjarja 1994 id-data tal-bidu ta' l-ewwel kwart hija dik tal-bidu tas-sena finanzjarja."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Ottubru 1993

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 22 t'April 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 337, ta' l-4.12.1990, pġ. 3.
([2]) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, pġ. 43.
([3]) ĠU L 191, tal-31.7.1993, pġ. 89.